

Brussell, 22 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14754/16

FIN 819
INST 491
PE-L 69

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14375/16 FIN 788
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 34/2016 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2016

1. Fl-14 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 34/2016.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' somma totali ta' EUR 18 507 705.94 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament minn aġenziji eżekuttivi u l-linji baġitarji amministrattivi tal-Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Erasmus+, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u l-ITER lil-linji operazzjonali tal-programmi korrispondenti, kif jidher fid-dokument 14375/16 FIN 788.

2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li jiġu rinfurzati l-linji baġitarji operazzjonali tal-programmi differenti sabiex tkun possibbli l-eżekuzzjoni korretta tal-pagamenti mistennija kollha u jkun possibbli l-finanzjament tal-proġetti jew il-proposti addizzjonali.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Novembru 2016.

4. B'segwitu għal dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:

- it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak il-għan.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill
lil : President tal-Kummissjoni
kopja: President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ottubru 2012¹, jiena ngħarrfek li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 34/2016 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2016.

(Formula ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).